# DIKJARAZZJONI DWAR L-INIZJATTIVA TAT-TISWIJIET TAL-VETTURA TAL-KWALITÀ (QVR)

GasanMamo Insurance Ltd hija waħda minn erba' assiguraturi li qed tipparteċipa fl-inizjattiva dwar it-Tiswijiet tal-Vetturi tal-Kwalità mnedija kmieni din is-sena bħala parti mill-Proġett tal-Effiċjenza tat-Tiswija tal-Assiguraturi tal-Vetturi (MIRE).

Din l-inizjattiva għandha għan ewlieni wieħed - li tgħolli l-livell tal-vetturi f'Malta. Qed tipprova tagħmel dan billi tistieden tellara u *sprejers* biex jiġu spezzjonati minn esperti internazzjonali li mbagħad jikklassifikaw kull wieħed skont is-servizzi li joffri. Dawn il-klassifikazzjonijiet huma aċċessibbli b'mod ħieles għal kull min jagħmel klejm biex tissewwa l-vettura tiegħu, ħalli b'hekk wieħed ikun jista' jagħmel għażla infurmata dwar fejn għanda tissewwa l-vettura. L-ispiża ta 'din l-evalwazzjoni professjonali kienet, fil-parti prinċipali, immħallsa mill-assiguraturi, dan minħabba li jemmnu li, bħala riżultat, it-tellara u *sprejers* jistgħu jsiru aktar effiċjenti.

Sfortunatament, wara lmenti li saru, l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur ta 'Malta (MCCA) nieda investigazzjoni dwar QVR biex jiddetermina jekk kienx hemm ksur "prima facie" tal-liġi tal-kompetizzjoni. Fit-18 ta' Settembru kkonkluda li deher li kien hemm tali ksur u ħareġ miżuri "interim" li l-erba' assiguraturi huma meħtieġa li jirrispettaw sakemm tittieħed deċiżjoni finali.

Waħda minn dawn il-miżuri hija li aħna nippubblikaw fuq il-websajt tagħna stqarrija li l-erba 'assiguraturi mhux see jagħmlu "***... ebda distinzjoni fil-ħlas ... bejn dawk li jkunu għamlu klejm u li jagħżlu tellar jew sprejer ċċertifikat QVR u dawk li jagħżlu wieħed li mhux iċċertifikat QVR."***

Dan iffisser li, b'effett immedjat, GasanMamo Insurance ser tħallas direttament lit-tellar jew sprejers il-kontijiet ta' tiswija, dan dejjem sakemm il-klejm tkun "bi preġudizzju", u irrispettivament minn jekk il-tellar jew sprejer kienx ċertifikat QVR jew le.

GasanMamo Insurance Ltd ma taqbilx ma' ħafna mill-konklużjonijiet milħuqa fid-deċiżjoni "interim" tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjonijiet iżda tirrispetta bis-sħiħ l-obbligu tagħha li ssegwi l-miżuri "interim".

4 ta 'Ottubru 2017